# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 7/2021

21 ta' Lulju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

7.0 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

7.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.1.1 Is-Sindku qal illi ref punt 6.1.4 l-Lands kienu tawna l-*clearance* sabiex isir l-iżvilupp (area ta' Gawhar għad-*dog park*) u għalhekk issa l-Kunsill seta' jmexxi bl-applikazzjoni mal-Planning Authority.

7.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 6.2.1 (restawr tan-niċeċ) il-perit kien beda bl-applikazzjoni u li l-unika diffikulta kienet in-niċċa li kien hemm fi Triq San Pawl. Is-Sindku spjega d-diffikulta minħabba li s-sidien iridu jiġu notifikati permezz ta' ittra reġistrata.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ir-restawr tan-niċċa l-oħra mal-istess dar li tinsab fi Triq San Pawl. Is-Sindku qal li din in-niċċa ma kinitx inkluża mal-lista ta' niċeċ li kellhom jiġu rrestawrati pero' qal li l-Kunsill kien ser jiċċekja mal-perit peress li qiegħda ma l-istess residenza.

7.1.3 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Mark Cocker sabiex jitkellem ma persuna li kellu garaxx fi Triq San Ġorg minħabba l-proġett ta' Slow Streets għaliex din il-persuna kien qed jaħseb li kien ser isib diffikulta' sabiex joħroġ il-karozza mill-garaxx

7.1.4 Il-Kunsillier Mark Cocker qal li kien irċieva proposta sabiex Triq San Ġorg titneħħa l-bankina u minflok tinżebagħ bil-kuluri sabiex tinħoloq is-sens li qisu hemm bankina.

7.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal sabiex ref punt 6.3.17 (żerriegħa li qed jitqassmu f'kull residenza) inġibu nota f'Leħen il-Kunsill li kien ser joħroġ f'Awwissu, 2021.

7.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa ref punt 6.3.10 (Triq il-Kuċċard) meta kienet ser tiġi approvata l-sleeping police u meta kienu ser jitħawlu s-soft areas. Is-Sindku spjega li l-MELP kienu ser joħorġu kuntratt ġdid u li Triq il-Kuċċard ser tkun inkluża ma dan il-kuntratt.

7.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward ref punt 6.3.13 (Ġnien Dun Karm Vella). Il-Kunsillier Mark Cocker qal li l-Kunsill għandu jitlob meeting mal-ispettur u staqsa jekk il-Kunsill kienx mexa bit-talba tal-*Community Police*. Is-sindku qal li l-Kunsill kien ura l-interess li jkollna *Community Police* pero' issa l-Kunsill kien qed jistenna mingħandhom.

7.1.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi update rigward ref punt 6.3.7 (podjatrista). Is-Sindku kkonferm li kien hemm il-ħsieb li jerġgħu jiftħu pero' mhux f'dan l-istadju.

7.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kif diġa' kien diskuss Ġnien Dun Karm Vella kien wasal għal *embellishment* mill-ġdid għaliex kien sar żdingat saħansitra anki xi siġar mejta kien hemm. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irid jiddeċiedi jekk kienx ser isir *embellishment* jew inkella naraw jekk hemmx interess li jsir l-parkeġġ taħt il-ġnien

imbagħad l-Kunsill ikun jista' jieħu pożizzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jara jekk hemmx interess minn individwi sabiex isir l-*underground parking.*

7.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.2.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex issir plakka li turi l-isem ta' Sqaq Ħannux. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nordnaw tabella u li nsaqsu lis-sidien jekk kienx hemm problema li teħel mal-faċċata tad-dar tagħhom.

7.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir plakka li turi l-isem ta' Triq Xandru Farrugia. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nordnaw plakka ma pole għal din it-triq.

7.2.3 Is-Sindku qal li t-tabella fejn il-bring in sites ta' Triq Qerd in-Naħal kellha bżonn tinbidel Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din it-talba.

7.2.4 Is-Sindku qal li xtaq li jagħti update lill-Kunsill rigward ix-xogħolijiet li kienu qed isiru fil-grawnd tal-futbol. Huwa ta d-dettalji tal-ħxuna tal-fencing il-ġdid, it-tinda u r-rampa għal nies bi bżonnijiet speċjali.

7.2.5 Is-Sindku qal li l-kirjiet tal-grawnd tal-players li jkunu minn Ħal Safi ma kienu jħallsu xejn. Huwa qal li ma kienx ġust li l-Kunsill kien qed ikollu jkopri l-ħlas tal-attendant u għalhekk issuġġerixxa li mil-lum kirjiet bħal dawn almenu jibdew iħallsu l-persentagg tal-attendanet. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm il-possibbilita' li jinbidel is-*synthetic terf* tal-grawnd, pero' s-Sindku kkonferma li l-Kunsill ma kienx irnexxielu jakwista l-fondi sabiex jinbidel it-*terf.*

*7.2.6* Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien reġa' rċieva invit sabiex il-Kunsill jieħu sehem f'Town Twinning ġewwa Galizia Spanja. Huwa ta d-dettalji ta' dan il-proġett li għalih kienu ser jattendu s-Sindku flimkien mas-Segretju Eżekuttiv.

7.2.7 Is-Sindku qal li xtaq iressaq preokupazzjoni tiegħu minħabba wieħed mill-ħaddiema tal-iskema. Huwa qal li l-Kunsill kien qiegħed jagħti ammont ta' flus fix-xahar sabiex dan l-istess ħaddiem jikkordina x-xogħol flimkien mal-ħaddiema l-oħra. Is-Sindku ssuġerrixxa li l-Kunsill ma jibqax joħroġ dawn il-flus extra għaliex l-iskop ma kienx qed jintlaħaq anzi l-ħaddiem flok li kien qiegħed jgħaqqad il-ħaddiema u jaħdmu flimkien kien qiegħed itellef.  Is-Sindku ssuġerixxa li mix-xahar ta' Awwissu din ir-rinumerazzjoni żejda ma nibqgħux intuhielu. Saret diskussjoni fejn il-Kunsilliera Joann Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill qattx kien ġibidlu l-attenzjoni.  Is-Sindku ikkonferma li kien widdbu għal diversi drabi. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

7.2.9 Is-sindku qal li xtaq li jressaq xi informazzjoni rigward l-permessi għal użu tal-imwejjed u siġġijiet skond id-direttivi maħruġa mid-dipartiment tas-saħħa. Is-Sindku spjega d-differenza bejn il-permessi għal-każini u l-ħwienet tax-xorb. Il-Kunsill iddiskuta u qabel l i għandna nimxu mad-direttiva.

**7.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

7.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li kien hemm *bin* mormi ħdejn il-*bin* fi Triq iż-Żurrieq.

7.3.2 Il-Viċi Sindku qal li l-ħmieġ fi Triq San Ġorg kien rieġa' qed jiżdied.

7.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjoring Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet talba sabiex jerġa' jsir first Aid course. Is-Sindku qal li idealment din tiġi diskussa mal-persuna li ser tkun qed tagħmel il-kors sabiex nimxu skond id-direttivi maħruġa mid-Dipartiment tas-saħħa.

7.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li resident minn Triq San Pawl kien avviċinha sabiex isirlu yellow line quddiem il-garaxx tiegħu li kien diġa' hemm

qabel ma saru x-xogħolijiet fit-triq. Il-Kunsill iddiskuta u s- Sindku għarraf lill-Kunsill li ma kienx ser isiru sinjali qabel ma din il-persuna tirranġa l-bankina li kien miss minn jheddu għaliex fl-opinjoni tiegħu ma kinitix saret sewwa u kien ser jagħmel il-ħsara fil-vettura tiegħu meta joħroġ mill-garaxx.

7.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li fi Triq ta' Rqajja kantuniera ma Triq il- Karwija kellha bżonn żabra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma tintlaħaqx minn fuq il-vann il-Kunsill għandu jistenna sabiex nikru cherry picker darba u nduru mas-siġar kollha tar-raħal.

7.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li f'din l-istess area l-hedges kellhom bżonn jinżabru. Il-Kunsill qabel li għandna ngħidu lill-ġardinar sabiex jagħmel dan ix-xogħol.

7.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-bankina maċ-ċimiteru kellha bżonn tinkines. Is-Sindku qal li diġa' kien kellem lill-kennies dwar dan.

7.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk setax isir ir-rifreskar tas-sinjali tal-art.

7.3.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li fi Trejqet Tarsu kienu qed jittajru ħafna qtates u staqsiet forsi jista' jsir xi ħaġa sabiex il-karozzi jnaqqsu l-veloċita' tal-karozzi. Il-Kunsill iddiskuta pero' l-Kunsll qabel li minħabba inċident wieħed il-Kunsll ma setax jieħu azzjoni għal issa.

7.3.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet tixtieq tagħmel attivita' canoeing. Il-Kunsill qabel ma din l-attivita' u qabel li l-kunsilliera għandha tiċċekja jekk hemm xi restrizzjoniijiet u jekk inhu possibbli ssir.

7.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker rringrazzja lill-Kunsill tal-intervent tiegħu u l-perit ta'

Infrastructure Malta sabiex ir-rampi fi Triq San Pawl dbaxxew. Huwa qal li Triq San Pawl ma kienx fadal aktar xogħolijiet ħlief it-tabelli u sinjali.

7.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li s-servizz tas-Silver T għal issa ser jibda jopera minn lokal għal lokal biss bil-possibilita' li sal-aħħar ta' din is-sena jsir fuq bażi reġjonali. Is-Sindku spjega rigward din l-inizjattiva u kemm ser ikun servizz important għar-residenti anzjani tagħna.

7.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li fi Triq il-Kuċċard kien hemm plot li minħabba li kienet qed tinbena kien inbena hoarding wall li ħadet il-wiesa' kollha tal-bankina bil-konsegwenza li kienet qed toħloq periklu għal min irid jimxi fuq il-bankina.

7.3.14 Il-kunsillier is-Sur Mark Cocker ssuġerixxa li minħabba l-proġett ta' Slow Streets il-Kunsill jaħtar Projects Manager sakemm isiru x-xogħolijiet. Is-Sindku qal li għalkemm kien jaqbel mal-kunċett ta' Projects Manager ma kienx jinħtieġ li jinħatar għal issa.

7.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-laqgħa tas-sotto kumitat għal slow streets kellha ssir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Lulju.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa 6.55pm

7.3.16 Il-Kunsullier is-Sur Mark Cocker qal li s-Sibt ta' qabel kien attenda sabiex isir l-iffirmar ta' MOU flimkien mal-cleansing Dept.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus irritorna għal laqgħa 6.56 pm

7.3.17 Il-Kunsllier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq Mikelang Busuttil kien qed ikun hemm karozza kbira toqtor iż-żejt u ħmieġ. Is-Sindku qal li jista' jkun li kien qed jinġabar il-ħmieġ għaliex ma jkunx jista' jinkines bil-karozza pparkjata. Is-Sindku kkonferma li din il-karozza kellha liċenzja mħallsa allura fil-verita' ma kienx qed jikser l-ebda liġi.

7.3.18 Il-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla qal li persuna mil-blokka li l-entratura tagħhom tagħti għal Triq tal-Ajħar staqsew għal mera sabiex jkunu aktar siġuri meta jkun qed joħorġu l-karozzi mill-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-mera.

7.3.19 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li s-siġar quddiem il-Kappillan mal-każin u oħra fejn ir-roundabout iż-żgħira u siġra dekorattiva għandhom bżonn jinżabru.

7.3.20 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li fuq il-punt tal-karozza fi Triq Mikelang Busuttil li kellu liċenzja mħallsa Triq in-Nassaba kien hemm diversi korozzi. Johan qal li l-Kunsill kien għamel rapport lil pulizija.

## 7.4 Kuntratt tal-Knis

Is-Sindku qal li l-bord tal-għazla kien iltaqa' sabiex jevalwa t-tender tal-knis. Huwa qal li fuq rakkondazzjoni tal-Bord wieħed mill-kuntratturi ma kienx compliant u t-tnejn l-oħra kienu tefgħu offerta għolja ħafna mill-budget tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-uniku offerta li kien hemm viċin il-budget ma kinitx tikwalifika. Is-Sindku qal li fuq rakkondazzjoni tal-Bord kien qed jirrakomanda lill-Kunsill biex dan it-tender jaqa'. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan it-tender għandu jaqa' fuq il-bażi li ma kienx *financially compliant*.

**7.5 Korrispondenza**

**Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.**

**7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament

**7.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.10pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 18 ta' Awwissu, 2021 fil-4.30pm.

Johan Mula

Sindku

Doris Baldacchino

Segretarju Eżekuttiv